**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 627/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Brooks Lia**

Illum, is-7 ta' Novembru, 2023

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Brooks Lia**, ta' 48 sena, iben Vincent u Angiolina xebba Meilak, u mwieled gewwa l-Pieta' nhar id-09/04/1973 u residenti fil-fond Spiteri Court, Block C, Flat 4, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar, detentur tal- karta ta' l- identita' nru. 168073M.

u akkazatu talli nhar it-18 t'Ottubru 2020 bejn it 08:30hrs u 1-10:30hrs ta' filghodu fi Triq il-Brankutli, San Pawl il-Bahar:

1. Ikkommetta serq ta' zewg bumpers u tarka ta' registrazzjoni ta' vettura tal-ghamla Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni ALI 117 liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruga u bil- valur, li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u liema serq sar ghad-dannu ta' Alison Sciberras u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c) (g), 267, 271 (g), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar min €250 izda anqas minn €2,500 ghad-dannu ta' Alison Sciberras w/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitaiiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli:

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imsemmija qabel, kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu b'sentenza deciza nhar il-25 ta' Gunju 2019 mill-Magistrat Dr. V. G. Axiaq LL. D.

II-Qorti giet mitluba li fkaz ta' htija tikkonsidra lil Brooks Lia bhala recidiv b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti giet ukoll mitluba li f°kaz ta' htija ghal reati hawn fuq imsemmija u jekk jidrilha xierag tordna lil hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnha misruqa jew li hu xjentement laggha ghandu b' ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi/ jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2022, l-imputat tenna li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[3]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-7 ta' Frar 2023.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-16 ta' Mejju 2023.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

---

[1] Folio 34 ta' l-atti processwali
[2] Folio 3 ta' l-atti processwali
[3] Folio 67 ta' l-atti processwali.
[4] Folio 104 ta' l-atti processwali
[5] Folio 117 ta' l-atti processwali

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna l-allegat serq ta' bumpers u parts ohrajn minn fuq vettura tat-tip Daihatsu Sirion bin-numru ta' registrazzjoni ALI-117 mill-imputat Brooks Lia ghad-dannu ta' Alison Sciberras nhar it-18 ta' Ottubru 2020 filghodu fi Triq il-Brankutli, Qawra, San Pawl il-Bahar.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2021 xehdet **Alison Sciberras**[6], li spjegat li fit-18 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tal-10:00hrs kienet sabet il-karozza taghha ALE-117 tal-marka Daihatsu Sirion bil-bumpers ta' quddiem u ta' wara neqsin bil-pjanci b'kollox u l-fanali ta' quddiem nieqsa kif ukoll tieqa ta' wara mkissra. Il-karozza kienet ipparkjata vicin ir-residenza taghha fi Triq il-Brankutli, San Pawl il-Bahar. Hekk kif kienet hdejn il-karozza, kien hemm mara li qalet lix-xhud li kienet ghadha kemm rat ragel jghabbi l-bumper fil-karozza u ghalhekk ix-xhud bdiet tigri lejn id-direzzjoni indikata u fil-fatt rat karozza tat-tip Kia Avella. Minkejja li bdiet tghajjat biex jieqaf, il-karozza baqghet sejra lejn Triq ir-Rizzi. Mistoqsija jekk taghrafx in awla min kien dan ir-ragel, ix-xhud iccarat li

[6] Fol. 35-39 tal-atti processwali.

hi kull ma rat kien "profile" tal-persuna izda imbaghad bdiet tghid li qed taghraf li dan kien l-imputat Brooks Lia.

*Qorti: Qieghed taraf lil xi hadd?*

*Xhud: Imma minix xorta ghax jiena profile rajt*

*Qorti: Imma lil minn?*

*Xhud: Nimmagina li minn hemm bilwieqfa*

*Qorti: Qieghed taraf lill dak is-sinjur?*

*Xhud: Iva*[7]

Spjegat li mexxiet b'rapport mal-pulizija u minhabba li kienet assikurata third party fire and theft, kellha tkopri l-kirja ta' karozza waqt it-tiswijiet hija stess. In kontro-ezami iccarat li hija kellha opportunita` tara lis-sewwieq tal-Kia Avella ghal "sekondi" biss.

Ix-xhud prezentat u ikkonfermat *survey report* maghmul minn MIB Insurance Agency Ltd fejn jindika li l-ammont ta' xogholijiet u tiswija jammontaw ghal sitt mija u zewg Euro u tmienja u disghin centezmi (€602.98).[8]

Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 xehed **PC 373 Anthony Pace**[9], stazzjonat fl-Ghassa tal-Qawra, li pprezenta kopja tar-rapport tal-pulizija dwar l-okkorrenza in kwistjoni.[10]

Illi f'din l-okkorenza hemm il-verzjoni tal-parte civile fejn sqarret mal-pulizija dak in-nhar li ghamlet ir-rapport

[7] Folio 36 ta' l-atti processwali
[8] Dok AS1, Folio 40-43 ta' l-atti processwali
[9] Fol. 45-46 tal-atti processwali.
[10] Dok AP1, Folio 47-50 ta' l-atti processwali

*"Xhin irritornat hdejn il-karozza taghha tinnota li ghandha il-quarter window nahha tax-xufier imkissra u l-bumpers ta' quddiem u ta' wara misruqin. Minnufih kien hemm mara ghatitilha fejn qaltilha li kien hemm ragel raghtu jaghbbi l-bumpers fil-karozza tieghu. Dak il-hin il-kwerelanta kompliet tghid: "avvicinajtu u ghidtlu ojj x'ghamilt?? Fejn hu qalli li mhux hu kien. Dak il-hin irriversja u saq gas down u l-haqt hadtlu ritratt.*

*Il-vettura kienet FBP 883 Kia Beige misjuqa min ragel li ghandu xi erbghin sena, naqa ismar u kien liebes hoodie griz car."*[11]

Fl-istess seduta xehed **L-Ispettur Ryan Vella**[12], stazzjonat fl-Ghassa tal-Qawra, li fit-18 ta' Ottubru 2020 kien gie nfurmat bir-rapport dwar l-okkorrenza de quo li sar minn Alison Sciberras. Spjega li s-suspettat malvivent kien gie identifikat wara li mara li kienet fuq il-post kienet qalet lill-Alison Sciberras li kienet rat ragel jghabbi l-bumpers in kwistjoni fil-karozza u Sciberras lahqet waslet sa hdejn il-karozza tieghu, li kienet tat-tip Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni FBP-883 u hadet ritratt. Mill-istharrig li sar wara, irrizulta li din kienet tghajjat lil certu Jennifer Baker li hija s-siehba tal-imputat Brooks Lia. Ix-xhud kompla jispjega li sussegwentament PS 1462 baghat ghall-imputat u wara li tah id-drittijiet tieghu u dan ghazel li ma jikkonsultax ma avukat, ha l-verzjoni tieghu fejn l-imputat sahaq li ma kellu l-ebda involviment f'dak allegat. Ix-xhud imbaghad ta struzzjonijiet lill-istess PS 1462 sabiex issir tfittxija fil-vettura Kia u fir-residenza li kellu access ghalihom l-imputat. Minn dawn it-tfittxijiet, li saru fil-prezenza tal-imputat, irrizultaw fin-negattiv. Ghalhekk l-imputat gie mehlus f'dak l-istadju. Wara li gew analizzata aktar filmati CCTV migbura miz-zona, l-imputat gie identifikat b'mod car qed juza l-vettura Kia FBP-883 u fil-5 ta' Jannar 2021, l-imputat gie arrestat u mitlub jaghti stqarrija ohra. Wara li ghal darb'ohra irrinunzja ghall-assistenza legali, ta' l-istqarrija fil-prezenza ukoll tal-

[11] Folio 49 ta' l-atti processwali

[12] Fol. 51-53 tal-atti processwali.

Ispettur Godwin Scerri u PC 351. Minekjja li gharaf lilu nnifsu f'xi still mehuda mis-CCTV, rega' nnega li kellu xi involviment.

Il-Qorti kellha l-opportunita li tezamina ic-CD [13] esebit mill-prosekuzzjoni. F'dan ic-CD jidhru zewg istanzi fejn il-vettura Kia beige bit-tarka FPB883 tghaddi darbtejn. Jidher ukoll fil-filmat persuna maskili ghaddej f'mumenti minnhom liebes hoodie.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 xehed **PS 1462 Joseph Attard**[14], stazzjonat fl-Ghassa tal-Qawra. Ix-xhud ikkonferma li kienu saru tfittxijiet minnu fil-prezenza tal-imputat fl-indirizzi ta' ommu u cioe` Spiteri Court, Flat 4, Block C, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar kif ukoll Mark Anna Flats, Flat 2, Triq Raddet ir-Roti, Ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar. Dawn it-tfittxijiet irrizultaw fin-negattiv. Ix-xhud kien ukoll ikkunttja lil certu Jennifer Anne Baker li fuqha hija registrata l-vettura Kia FBP-883. Din kienet informat li l-imputat Brooks Lia kien qed juza l-vettura dakinhar.

Fl-istess seduta xehed **Andre Camilleri**[15] f'isem MIB Insurance Agency bhala agenti ta' Lloyds. B'referenza ghas-survey report ezebit a Fol. 40, ikkonferma li dan gie kkummissjonat mill-assikurazzjoni. Ix-xoghol necessarju jinvolvi tibdil ta' parts nieqsa kif ukoll tiswijiet necessarji biex jehlu l-parts il-godda.

Fl-istess seduta xehed **Dr Christopher Spiteri**[16], rapprezentant tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ikkonferma li l-vettura Daihatsu Sirion bin-numru ta' registrazzjoni ALI-117 hija registrata fuq isem Petrina sive Patricia Zarb filwaqt li l-vettura Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni FBP-883 kienet registrata fuq isem Jennifer Ann Baker fiz-zmien relevanti.[17]

---

[13] Dok RV7, Folio 56 ta' l-atti processwali
[14] Fol. 74-76 tal-atti processwali.
[15] Fol. 83-84 tal-atti processwali.
[16] Fol. 86-87 tal-atti processwali
[17] Dok CS1 u 2, Folios 88-91 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehdet bil-lingwa Ingliza **Jennifer Ann Baker**[18], li kkonfermat li fis-sena 2020 hija kellha vettura tat-tip Kia Avella u li gieli kienet tislifha lill-imputat Brooks Lia stante li kien habib taghha. Spjegat li eventwalment kienet bieghet din il-vettura. Ma setghetx tiftakar id-dettalji specifici ta' okkazjonijiet meta Lia kien issellef din il-vettura.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 xehdet **Stefania Calafato Testa**[19], Assistent Registratur Tal-Qrati Kriminali, li pprezentat vera kopja ta' sentenza moghtija kontra l-imputat nhar il-25 ta' Gunju 2019. Ikkonfermat li minn din is-sentenza ma kienx hemm appell.[20]

Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023 xehdet **Petrina sive Patricia Zarb**[21] li spjegat li ghalkemm il-vettura tat-tip Daihatsu Sirion bin-numru ta' registrazzjoni ALI-117 hija registrata fuq isimha, din hija tat-tifla taghha Alison Sciberras.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 xehed minn rajh **l-imputat Brooks Lia**[22]. Spjega li fil-jum in kwistjoni, kien ghaddej fl-akkwata minhabba li l-kellu l-karozza tieghu tat-tip BMW bin-numru ta' registrazjoni JJS-242 ghat-tiswija ghand mekkanik u mar jiccekkja fuqha minhabba li kien gie nfurmat li kienet qalghet xi citazzjonijiet u kient miksija qtar tal-konkos minn xoghol ta' kostruzzjoni fil-vicinanzi. Imbaghad wara mar jara lil ommu li toqghod fi Triq il-Port Ruman u baqa' sejjer id-dar fejn kien qed joqghod mal-eks tieghu Jennifer Anne Baker. Qal li dak il-hin kien liebes gekketta sewda, jeans blu u zarbun abjad u allura ma jistax ikun li kien il-persuna li jidher fis-CCTV miexi bil-bumper ghax dak kien liebes hoodie griz. Ikkonferma li kienet saret tfittxija fid-dar ta' ommu u fid-dar tal-eks tieghu u ma kien instab xejn. In kontro-ezami, gie kkonfrontat mill-Ispettur Ryan Vella bil-fatt li fl-istqarrija tieghu, kien qabel

[18] Fol. 93-93 tal-atti processwali
[19] Fol. 97-98 tal-atti processwali
[20] Dok SCT1, Folio 99-100 ta' l-atti processwali
[21] Fol. 105-106 tal-atti processwali
[22] Fol. 108-116 tal-atti processwali

li huwa kien il-persuna liebes griz li jidher fis-CCTV izda kompla jichad li huwa kien seraq xi bumpers.

**Stqarrija**

Illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija[23] lill-Ispetturi Ryan Vella u Godwin Scerri fl-Ghassa tal-Qawra nhar il-5 ta' Jannar 2023 fil-prezenza ukoll ta' PC 351 P. Camilleri, wara li ghazel li ma jezercitax id-dritt ghall-assistenza legali.[24] Fl-istqarrija tieghu, minkejja li l-imputat ikkonferma li kien qed jaghmel uzu mill-vettura tat-tip Kia Avella FBP-883 u gharaf lilu nnifsu fl-istills mill-filmat CCTV murija lilu, innega li kien seraq xi bumpers jew oggetti ohra.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[25], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-*

[23] Dok RV3, Fol. 57-59 tal-atti processwali.
[24] Dok RV2, Folio 55 ta' l-atti processwali
[25] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[26] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu

[26] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[27]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[28] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[29] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[30]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

[27] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[28] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

[29] deciz 5/12/1997

[30] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[31] fejn gie kkunsidrat:

> *"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[32] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu*

[31] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017
[32] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

*jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*'

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

**L-ewwel imputazzjoni - Ir-reat ta' serq aggravat**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli ikomettiet serq ta' ghad-dannu ta' Alison Sciberras liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[33]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

---

[33] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[34]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravji tas-serq li bihom giet mixli l-imputat f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa u tal-valur. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 261(g) u 271(1)(g) tal-istess Kodici, jinkludi meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jewaċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**It-tieni reat – Ir-reat tal-hsara**

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

Illi l-artikolu 325(1) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li l-kundizzjonijiet sabiex dan ir-reat jigi ppruvat huma:

*(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati.*

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn uħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;*

**Ikkunsidrat – L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet**

**Provi li tresssqu**

Illi mill-provi li tressqu irrizulta li l-imputat fl-istqarrija tieghu stess gharraf lilu nnifsu fil-filmati u CCTVs li gew murija lilu. Illi l-imputat ghazel li jaghti x-xhieda tieghu b'mod volontarju waqt is-smiegh tal-kawza u filwaqt li nnega li hu qatt kien seraq l-oggetti in kwistjoni ikkonferma li kien ikkonferma d-dehriet tieghu fil-filmati tas-CCTV's. Illi f'dawn il-filmati l-imputat jidher miexi fit-triq fl-akwati ta fejn gara l-incident kif ukoll jidher ghaddej darbtejn isuq il-karozza Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni FBP883 li kienet giet rapportata mil-parte civile bhala l-vettura li harbet minn fuq il-post wara li kienet ikkonfrontat il-persuna.

Il-parte civile minn naha taghha ikkonfermat fl-awla li gharrfet lill-imputat bhala l-persuna li kkonfrontat dakinhar in kwistjoni. Illi l-parte civile xehdet li kienet ikkonfrontat lill-imputat kif ukoll li hadet ritratt tieghu jahrab minn fuq

il-post. Il-parte civile irnexxilha tiehu ritratt tal-vettura li biha harab u anke prova ta' dan il-mument ingabet mill-prosekuzzjoni.[35]

Illi minn l-istills esebiti mill-prosekuzzjoni[36] jidher b'mod car id-dehra tal-persuna miexja fit-triq bi bumper f'idejha.[37] Illi f'dawn id-dehriet jidher l-imputat miexi u isuq il-karozza indikata fis-serqa ezatt fl-istess data u hin u akwati ta' meta sehhet is-serqa.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat u sejra tghaddi sabiex issibu hati u tghaddi ghall-piena.

**Ikkunsidrat – It-tielet imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva**

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tal-25 ta' Gunju 2019 moghtija mill-Magistrat Dr. Victor Axiaq[38] l-imputat, wara li nstab hati, gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn. Illi r-reati ta' serq mertu ta' din il-kawza sar fit-18 ta' Ottubru 2020 u cioe entro t-terminu tal-perjodu operattiv tas-sentenza.

Illi b'din is-sentenza l-Qorti tqis li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu u sejra tghaddi sabiex issibu hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih.

[35] Folio 72 ta' l-atti processwali
[36] Dok RV6, Folio 62-72 ta' l-atti processwali
[37] Folio 70 ta' l-atti processwali
[38] Folio 99-100 ta' l-atti processwali

Madankollu stante li l-imputat kien inghata piena skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz, sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward Il-Qorti taghmel referenza sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004 kif ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zahra** fejn il-Qorti stqarret li la darba s-sentenza mghottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jigi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistghu jittiehdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Ghaldaqstant din is-sentenza mhix ser tigi kkunsidrata bhala prova tar-recidiva skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Madankollu filwaqt li giet ipprezenta l-fedina penali ta' l-imputat, il-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq ebda sentenza jew prova ohra in sostenn ta' l-addebitu tar-recidiva u ghaldaqstant tqis li dan l-addebitu ma giex ipprovat u sejra tillibera minn kull htija u piena dwarha.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[39], li hija waha wahda ferm voluminuza u inkwetanti fis-sens li tindika karattrju refrattarju minn naha tal-imputat Brooks Lia.

- Illi skont l-artikolu 280 tal-Kodici Kriminali meta s-serq ikkwalifikat bil- "valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux

[39] Fol. 5-32 ta' l-atti processwali

b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-minimum tagħhom.

- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c) (g), 267, 271 (g), 280(1), 325(1)(b), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Brooks Lia **hati** ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannha piena ta' prigunerija ta' **ghaxar (10) xhur habs** li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati f'arrest preventiv fil-waqt li tiddikajara li **mhux hati** ta' l-addebitu tar-recidiva u li minnha gie liberat minn kull htija u piena dwarha.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A(1) u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda mal-piena, tordna lill-hati jghaddi l-ammont ta' sitt mija u tnejn Euro u tmienja u disghin centezmi (€602.98) rapprezentati kumpens ghat-telf u hsara li soffrew il-parte civile permezz tar-reat fiz-zmien sitt (6) xhur wara li ikun skonta s-sentenza ta' prigunerija. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Novembru, 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**